# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Tmien Legislatura

### *Laqgħa numru 51*

***06 ta' Frar 2019***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Noel Scerri -Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *51.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

51.1.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit talab biex ikun skużat mill-laqgħa minħabba mpenji ta' xogħol. Wara li ħadd ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier ġie skużat.

## *51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

51.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

51.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill kellem l-ex Direttur tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju u kkonferma li fl-akwata ta' fejn hemm it-tħaffir tal-villaġġ tal-karnival f'Albertown instabu xi oqbra Puniċi jew Rumani u li f'waħda minnhom kien hemm saħansitra l-għadam. B'hekk il-Kunsill ser ikun qed jinforma lis-Sovrintendenza sabiex ikun hemm ħarsien xieraq ta' dawn il-fdalijiet u sabiex dawn jiġu nkorporati mall-proġett tal-vilaġġ.

51.3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal lill-Membri preżenti li kif ġie miftiehem fis-seduta preċedenti l-Kunsill bgħatt ittra sabiex formalment ikun qed jitlob lill-Bord li tieħu ħsieb l-ismijiet tat-Toroq sabiex isir il-bdil mixtieq ta' Triq it-Tiġrija għal Triq il-Prim Ministru Duminku Mintoff.

## *51.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

51.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jixtieq li l-Kunsill jitlob laqgħa mall-Onorevoli Michael Falzon sabiex ikun hemm diskussjoni dwar il-Labour Office, sabiex jinstabu soluzjonijiet għar-residenti li qed isibu diffikultajiet kbar sabiex imorru jinqdew il-Ħamrun. Wara diskussjoni fost dawk preżenti s-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser ikun qed jitlob lill-Onorevoli Falzon sabiex issir din il-laqgħa.

51.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa lill-Kunsill f'liema fażi wasal il-ħawt tal-ilma. Huwa talab ukoll lill-Kunsill jekk mad-dawra tal-ħawt jistgħax isir bħal pilastri tal-ġebel li

jipproteġi l-ħawt mill-karozzi. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-ħawt ser ikun qed jeħel fil-jiem li ġejjin u l-ġebel mad-dawra hija proposta li għaliha nistgħu nkellmu lill-kumpanija li qed tieħu ħsieb dan ix-xogħol.

51.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer informa lill-Kunsill li hemm zewġ toqbiet kbar fejn iddur għal Triq San Bernard. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb li dawn jingħalqu.

51.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jixtieq jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill wara li ġie avviċinat mill-Prinċipal tal-iskola Primarja San Ġorġ Preca sabiex il-Kunsill jgħin finanzjarjament għax-xiri ta' disa' flokkijiet f'kompetizjoni li ser tittella mill-istess skola. Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri ssekonda fil-waqt li l-vot favur kien unanimu.

51.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm xi grupp ta'studenti franċiżi li huwa twinned ma Bridgwater u mis-sena d-dieħla huma nteressati jibdew jiġu Malta minflok l-Ingilterra sabiex jagħmu l-istudju tagħhom fl-Ingliż. Huwa saħaq li tkun xi ħaġa tajba jekk il-Kunsill ikun infurmat b'dan sabiex jekk jirċievi xi korrispondenza l-Kunsill ikun jista' jagħmel kuntatt mall-iskola Primarja tal-lokal. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li jekk il-Kunsillier ikollu aktar dettalji dejjem jista' jżomm il-Kunsill infurmat.

## *51.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

51.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *51.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

51.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill jista' japplika għal kors dwar il-Ħin u l-Flus għal ġħid ta' saħħtek iffinanzjat mill-PWC b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-saħħa pubblika. Dan il-kors huwa b'xejn u tkun ideja tajba jekk il-Kunsill japplika għalija. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

51.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li ser ikun hemm ukoll Korsijiet Lifelong Learning 2019/2020. Jekk il-Kunsill huwa nteressat jista' japplika sa mhux aktar tard mit-13 ta' Frar. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur li l-Kunsill japplika kien wieħed unanimu.

51.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li għaqda non-governattiva qed titlob il-permess tal-Kunsill sabiex jorganizzaw attivita' fuq il-Pont ta' San Tumas bit-titlu 'Breakfast on the Bridge'. Id-data proposta hija l-17 ta' Frar bil-għan li permess tal-kolazjon l-għaqda tressaq il-

komunitajiet diveri tal-Marsa aktar qrib xulxin. Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

51.6.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill irċieva talba mill-Pagaent Group dwar reklamar fuq il-billboard u l-ktieb għal prezz ta' €100 u €150 rispettivament. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

51.6.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li rċieva talba mis-Sur Raymond Mifsud sabiex il-Kunsill jikkunsidra jagħti ġieħ il-Marsa lis-Sur Saviour Micallef li ta' kontribut qawwi lejn il-lokalita' tal-Marsa. Ġie maqbul li din it-tema ser tkun qed tittella' fis-seduta li jmiss.

## *51.7 Approvazzjoni tal-Estimi Annwali għas-sena 2019*

51.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lir-rappresentanta tar-Reanda Malta Limited sabiex tagħti d-dettalji tal-Estimi Annwali għas-sena 2019. Ir-rappreżentanta qalet li l-Budget li qed jiġi ppreżentat għal din is-sena huwa wieħed pożittiv u qed jidher fil-format il-ġdid skond ir-regoli finanzjarji l-ġodda mid-Dipartiment tal-Gvern lokali. Hawnhekk rajna wkoll li għal din is-sena l-Kunsill ser ikun kommess biex jinbidlu diversi dwal ta' toroq kif ukoll żieda fid-dawl tal-ġonna. Il-Kunsill ser ikun qed jikkommetti ruħu wkoll fil-qasam ambjentali hekk kif qed jiżdied ukoll is-servizz tat-tindif u ser jitkomplew għaddejjin tiswijiet infrastruturali f'diversi żoni u servizzi oħra.

51.7.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-estimi. Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu. Il-Budget ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## *51.8 Quarterly Financial Report October – December 2018*

51.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq il-Quarterly Financial Report għall-aħħar kwart tas-sena 2018. Ir-rappresentant tar-Reanda Malta Limited qalet li dan ir-rapport huwa litterlament sommarju tal-figuri finanzjarji annwali għas-sena 2018 u b'hekk ser ikunu diskussi f'aktar dettal fl-item tal-Annual Financial Report. L-aktar punt importanti f'dan ir-rigward huwa l-fatt li l-figuri annwali tal-Kunsill huwa iktar reali wara li sar depreciation ta' dawk l-assi li m'għandhomx aktar valur. Dan kien proċess kruċjali biex il-figuri finanzjarji tal-Kunsill ikunu aktar ċari u jirriflettu l-valur veru tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu. Ir-rapporti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## *51.9 Approvazzjoni tal-BusinessPlan għas-snin 2019-2022*

51.9.1 Dan is-suġġett is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li ser ikun qed jitla' seduta oħra.

## *51.10 Approvazzjoni tal-Annual Financial Statement 2018*

51.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq r-Rapport Finanzjarju Annwali għas-sena 2018 fuq il-mejda u talab sabiex dan jiġi spjegat lill-membri tal-Kunsill. Hawnhekk rajna li komplessivament is-sena 2018 intemmet b'defiċit ta' ftit aktar min €321,000 euro wara li l-Kunsill għamel 'write off' tal-assi antiki li kellu u li ma kellhomx aktar valur iżda kienu għadhom jidhru fuq il-kotba tal-Kunsill. Minkejja li dan l-ammont jidher li huwa wieħed sostanzjalment negattiv l-bilanċ tal-Kunsill huwa wieħed pożittiv u jlaħħaq iktar min nofs miljun euro. B'hekk il-figuri finanzjarji għal din is-sena huma aktar reali hekk kif sar write off neċesarju kif titlob il-liġi finanzjarja tal-Kunsilli Lokali.

51.10.2 Il-Finanzi tal-Kunsill huma b'saħħithom kif jidher fil-balanċ li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2018 fejn rajna li l-'cash and cash equivalents' kienu ta' ftit aktar min €275,000. Mill-figuri jidher li l-infieq kompla jiżdied sew fuq it-tindif, pagi u manutenzjoni. L-Assi totali tal-Kunsill sal-aħħar tas-sena 2018 kienu ta' madwar €1,421,000 euro, filwaqt li l-allokazzjoni tal-fondi tal-Gvern Ċentrali ser ikomplu jiżdiedu u ser jlaħħqu l-ammont ta' madwar €567,000.

51.10.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-membri preżenti sabiex jieħdu vot dwar dan ir-rapport finanzjarju. Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri issekonda filwaqt li l-vot favur ir-rapport kien unanimu. Ir-rapport ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekkutiv

## *51.11 Attivita' tal-Karnival*

51.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer sabiex jagħti dettalji dwar l-attivita' tal-Karnival li ser ikun qed jorganizza l-Kunsill nhar il-5 ta' Marzu. Is-Sur Spencer qal li għall-attivita' ser ikun hemm il-baned tal-lokal, sebgħa gruppi tas-sfin, karru tal-karnival u numru ta' maskaruni. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *51.12 Party għat-Tfal tal-Karnival*

51.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li qabel ma ssir l-attivita' tal-Karnival ser ikun hemm party għat-tfal fil-Kunsill Lokali mill-10.00am sa nofsinhar fejn ser ikun hemm animation, logħob għat-tfal u ser jitqassam boroż tal-ħelu individwali lit-tfal li ser jattendu. Din l-attivita' ser tkun qegħda tittella' bl-għajnuna tal-amministrazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Noel Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *51.13 Ħruġ ta' Tender Ġbir ta' Skart*

51.13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser ikollu bżonn joħroġ it-Tender tal-Ġbir tal-Iskart. B'hekk is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekkuttiv sabiex jinħareġ dan it-tender skond ir-regolamenti tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *51.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

51.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għal 6 ta' Marzu fis-6.15pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 6 ta' Marzu 2019